REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/193

tat-3 ta' Frar 2017

li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-annotazzjonijiet għall-Ukrajna fil-listi tal-pajjiżi terzi li minnhom l-introduzzjoni ta' ċerti prodotti lejn l-Unjoni hija awtorizzata fir-rigward tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2), 25(2) u 28(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ([3]) tistipula r-regoli tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' kunsinni tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-Parti 4 tal-Anness II tagħha.

(2) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati, sakemm dawk il-prodotti jkunu konformi mat-trattament imsemmi f'dik il-lista. Fejn pajjiżi terzi huma reġjonalizzati għall-finijiet tal-inklużjoni f'dik il-lista, it-territorji reġjonalizzati tagħhom huma stabbiliti fil-Parti I ta' dak l-Anness.

(3) Il-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi t-trattamenti msemmija fil-Parti 2 ta' dak l-Anness, filwaqt li tassenja kodiċi lil kull wieħed minn dawk it-trattamenti. Dik il-Parti tistabbilixxi trattament mhux speċifiku "A" u trattamenti speċifiċi minn "B" sa "F", elenkati mill-aktar wieħed sever għall-inqas wieħed.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([4]) jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, ta' tjur u prodotti tat-tjur. Dan jistipula li dawk il-prodotti jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu, mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kompartimenti mniżżla fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(5) Ir-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 iqisu jekk humiex meħtieġa kundizzjonijiet speċifiċi minħabba l-istat tal-mard f'dawk il-pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti, inkluż it-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar għall-mard tat-tjur differenti, kif xieraq. Dawk il-kundizzjonijiet

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

speċifiċi, kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji li għandhom jakkumpanjaw il-prodotti għall-importazzjonijiet u t-tranżitu fl-Unjoni, huma stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment jitqies ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI).

(6) L-Ukrajna hija elenkata fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE bħala pajjiż terz li minnu d-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati ta' tjur, annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija, annimali ratiti mrobbija u għasafar tal-kaċċa selvaġġi li jkunu ġew soġġetti għal trattament mhux speċifiku "A" huma awtorizzati għat-territorju kollu tiegħu.

(7) Barra minn hekk, l-Ukrajna hija elenkata fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu huma awtorizzati fit-territorju kollu tiegħu, l-importazzjonijiet u t-tranżitu fl-Unjoni tat-tjur u tal-prodotti tat-tjur.

(8) Fit-30 ta' Novembru 2016, l-Ukrajna kkonfermat il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fit-territorju tagħha u għalhekk ma tistax tibqa' titqies bħala pajjiż ħieles minn dik il-marda. L-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna, għalhekk, m'għadhomx jistgħu joħorġu ċ-ċertifikati veterinarji għall-kunsinni tat-tjur u tal-prodotti tat-tjur maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(9) Sussegwentement, fl-4 ta' Jannar 2017, l-Ukrajna kkonfermat il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fi stabbilimenti f'żewġ reġjuni oħra fit-territorju tagħha. L-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna kkonfermaw li huma implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw l-HPAI u jillimitaw it-tixrid tagħha.

(10) L-Ukrajna ppreżentat informazzjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħha u l-miżuri meħuda għall-prevenzjoni ta' aktar tixrid tal-HPAI u dik l-informazzjoni issa ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, kif ukoll tal-garanziji pprovduti mill-Ukrajna, huwa xieraq li wieħed jikkonkludi li l-limitazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-introduzzjoni fl-Unjoni tat-tjur u tal-prodotti tat-tjur lejn iż-żona affettwata mill-HPAI, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tifqigħat attwali, għandha tkun biżżejjed biex tkopri r-riskji assoċjati mal-introduzzjoni tat-tjur u tal-prodotti tat-tjur fl-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat li jiddaħħal il-vajrus tal-HPAI fl-Unjoni, il-prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati miksuba minn tjur, annimali tal-kaċċa bir-rix imrobbija, u għasafar tal-kaċċa selvaġġi miż-żona tal-Ukrajna milquta mill-HPAI, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tifqigħat attwali, għallinqas għandu jsirilhom it-trattament "D" kif elenkat fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.

(12) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 u d-Deċiżjoni 2007/777/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Partijiet 1 u 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

(1) Fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/777/KE, l-annotazzjoni li ġejja għall-Ukrajna tiddaħħal bejn l-annotazzjoni għar-Russja u l-annotazzjoni għall-Istati Uniti:

Pajjiż	Territorju		Deskrizzjoni tat-territorju
	Kodiċi ISO	Verżjoni	
"L-Ukrajna	UA	01/2016	Il-pajjiż kollu
	UA-1	01/2016	Il-pajjiż kollu tal-Ukrajna, ħlief iż-żona UA-2
	UA-2	01/2016	It-territorji tal-Ukrajna deskritti taħt UA-2 fil-kolonna 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008, soġġetta għad-dati msemmija fil-kolonni 6 A u 6B ta' dik it-tabella.";

(2) Fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, l-annotazzjoni għall-Ukrajna tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO	Pajjiż ta' oriġini jew parti minnu	1. Annimali bovini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq (ħlief għall-ħnieżer)	Annimal domestiċi ovini/ kaprini	1. Annimali porċini domestiċi 2. Annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq (ħnieżer)	Annimali domestiċi solipedi	1. Tajr 2. Annimali tal-kaċċa birrix imrobbija (ħlief għar-ratiti)	Annimali ratiti mrobbija	Fniek domestiċi u liebri mrobbija	Annimali tal-kaċċa salvaġġi (minbarra l-ħnieżer)	Ħnieżer salvaġġi	Annimali salvaġġi solipedi	Leporidae salvaġġi (fniek u liebri)	Għasafar tal-kaċċa salvaġġi	Mammali tal-art salvaġġi tal-kaċċa (ħlief għall-ungulati, għas-solipedi u għal-leporidae)
"UA	L-Ukrajna UA	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX	XXX	A	XXX	XXX
	L-Ukrajna UA-1	XXX	XXX	XXX	XXX	A	A	A	XXX	XXX	XXX	A	A	XXX
	L-Ukrajna UA-2	XXX	XXX	XXX	XXX	D	D	A	XXX	XXX	XXX	A	D	XXX"

ANNESS II

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-annotazzjoni għall-Ukrajna tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kompartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas-sorveljanza tal-influwenza tat-tjur	Status tat-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur	Status tal-kontroll tas-salmonella (6)
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali		Data ta' għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"UA — L-Ukrajna	UA-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							
	UA-1	Il-pajjiż kollu tal-Ukrajna minbarra ż-żona UA-2	WGM							
			POU, RAT							
	UA-2	Iż-żona tal-Ukrajna li tikkorrispondi għal:								
	UA-2.1	Kherson Oblast (reġjun)	WGM		P2	30.11.2016				
			POU, RAT		P2	30.11.2016				
	UA-2.2	Odessa Oblast (reġjun)	WGM		P2	4.1.2017				
			POU, RAT		P2	4.1.2017				
	UA-2.3	Chernivtsi Oblast (reġjun)	WGM		P2	4.1.2017				
			POU, RAT		P2	4.1.2017"				